

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 1016/2012**tas-6 ta' Novembru 2012****li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 tat-23 ta' Marzu 2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 46(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-23 ta' Marzu 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 267/2012.

(2) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/687/PESK tas-6 ta' Novembru 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran ⁽²⁾,

għandha tiġi inkluża entità addizzjonali fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi li tinsab stabbilita fl-Anness IX tar-Regolament (UE) Nru 267/2012,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-entità elenkata fl-Anness għal dan ir-Regolament għandha tiżdied mat-taqsim B tal-parti I tal-lista stabbilita fl-Anness IX tar-Regolament (UE) Nru 267/2012.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Novembru 2012.

*Għall-Kunsill**Il-President*

A. D. MAVROYIANNIS

⁽¹⁾ ĠU L 88, 24.3.2012, p. 1.

⁽²⁾ Ara paġna 82 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

ANNEX

ENTITÀ MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1

B. Entitajiet

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
1.	National Iranian Oil Company Nederland (magħrufa wkoll bħala: NIOC Netherlands Representation Office)	Blaak 512, 3011 TA and Weena 333, 3013 AL Rotterdam, Netherlands. Tel. +31 (10) 225 0177, +31 (10) 225 0308. http://www.nioc-intl.com/Offices_Rotterdam.htm .	Sussidjarja tan-National Iranian Oil Company (NIOC).	7.11.2012